MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 115/2004

**Il - Pulizija**

**v.**

**Diego Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Diego Borg talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Marzu 1999 u f'dawn l-ahhar sitt xhur qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/l minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija

mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall uzu esklussiv tieghu;

Akkuzat ukoll talli kkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' l-iskola, bi ksur ta' l-artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Diego Borg hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti, ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' tliet snin li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz kif ukoll ghal multa ta' elf liri Maltin (Lm1000), u

inoltre ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-esebiti kollha konsistenti f'sustanzi/medicini perikoluzi u oggetti ohra relatati ma' l-abbuz tad-droga permezz ta' l-Ispizjar Mario Mifsud u dan wara li jsiru verifiki mid-deputat registratur biex jigi accertat li ma jkunux se jittiehdu proceduri ulterjuri li jkunu jehtiegu l-preservazzjoni ta' l-imsemmija esebiti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Diego Borgipprezentat fid-19 ta' Mejju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti timmodifika u tbiddel is-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati, tbiddilha u tvarjaha kwantu ghall-piena billi tapplika piena ohra anqas minn dik stabbilita mill-ewwel Qorti, jew ghal xi piena ohra anqas li jidhrilha opportuna skond ic-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Diego Borg appella minn din is-sentenza limitatament dwar il-piena fuqu inflitta. Huwa jillanja bazikament li l-piena kienet, fic-cirkostanzi tal-kaz, wahda eccessiva. Aktar specifikatament l-appellant jghid li "t-terminu ta' prigunerija inflitta ma hux riflessjoni ta' diversi fatturi li hargu mill-provi u li kellhom … jittiehdu in konsiderazzjoni". Skond l-appellant, dawn il-fatturi huma:

1. l-ammont zghir ta' droga li nstabet;
2. il-fatt li hu stess kien vittma tal-vizzju tad-droga u kien ibiegh biex isostni l-vizzju tieghu;
3. kien ghaddej minn fazi infelici u kaotika f'hajtu tant li harbat ix-xoghol tieghu (dak ta' supermarket) billi ma kienx qed ihallas is-suppliers tieghu u kien ghadu kemm beda jittraffika biss biex isostni l-vizzju tieghu;
4. huwa tressaq bl-imputazzjonijiet odjerni fl-1999 u s-sentenza nghatat hames snin wara filwaqt li fil-mori tal-kawza rriforma ruhu kompletament tant li ghamel programm ta' rijabilitazjoni b'success.
5. il-fedina penali tieghu hi netta;

6. mill-ewwel ammetta mal-Pulizija l-involviment tieghu.

L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ghamlet certi asserzjonijiet fis-sentenza appellata li ma jirrizultawx mill-provi jew li jirrizulta l-kuntrarju u ghalhekk tali asserzjonijiet setghu, fil-fehma ta' l-appellant, influwixxew b'mod zbaljat fl-ghoti tal-piena. Jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti qalet li "ghal bniedem li kien jghix bis-somma mizera allokata lilu bir-relief, kellu tfal, kellu wild iehor gej, kellu flat Bugibba, kien ihallas karozza b'mitt lira fix-xahar", u jghid li minn imkien ma jirrizulta li kien jghix biss bir-relief peress illu hu kien jghix ghand omm il-mara tieghu flimkien ma' martu u uliedu, u dwar il-flat ta' Bugibba ma jirrizulta minn imkien li dan kien proprjeta` tieghu u kien imur jorqod hemm ghal perijodu qasir minhabba problemi li kellu mal-mara. Dwar il-karrozza mbaghad jghid li jirrizulta mill-provi li din kienet ilha ghandu biss xahar u kien hallas biss Lm150 u l-kumplament kien dejn ta' Lm1,200. Fl-aharnett jikkontendi li meta hu qal li kien kostrett ibiegh id-droga biex hu "ifieq", b'dan ried ifisser li b'hekk seta' jiehu d-doza tad-droga tieghu biex jiqfulu l-*withdrawal symptoms*.
Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi m'hemmx dubbju. Difatti persuna li tinsab hatja mill-Qorti tal-Magistrati ta' traffikar tista' tehel piena ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn hamest elef lira. Ghalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti toqrob decizament lejn il-minimu.

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

In vista tad-diversi sottomissjonijiet maghmula mill-appellant, kif fuq elenkati, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa mhux biss is-sentenza appellata izda anke l-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti u apparti hekk semghet ix-xiehda tas-Supretendent Sandro Gatt, ta' Ray Grech u tal-probation officer Ivan Sultana li hejja u pprezenta *pre-sentencing investigation report* wara li kien gie nominat minn din l-istess Qorti.

**Is-Supretendent Sandro Gatt**, direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, u li kien l-ufficjal investigattiv f'dan il-kaz, xehed li l-appellant kien ammetta dakinhar stess li investigah u semma' li kellu problema kbira ta' droga u kien ibiegh biex izomm il-habit tieghu. Qal li issa jafu l-habs fejn l-appellant qieghed iservi sentenza u huwa fdat, il-komportament tieghu huwa tajjeb u ghandu s-support tal-familja. Qal ukoll li ra tibdil kbir fih.

**Ray Grech**, head tad-drug rehabilitation tas-SEDQA, spjega li l-appellant kellu problema kbira ta' droga, ghamel sena programm residenzjali f'Santa Marija, hames xhur semi-residenzjali mbaghad beda l-*aftercare* li ma setax ikompli peress illi beda jservi sentenza ta' prigunerija. Waqt li qieghed fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin pero` baqghu jsegwuh. Waqt il-viziti li kien jaghmel fil-perijodu ta' *aftercare*, ir-residenti l-ohra kienu jharsu lejh bhala *role model* u b'hekk kien qieghed ihalli rispons pozittiv fuqhom.

**Ivan Sultana** xehed li r-reat mertu ta' din il-kawza twettaq fi zmien meta l-appellant kellu vizzju tad-droga. Huwa mpenja ruhu fi programm residenzjali li spicca b'success. Il-persuni li ntervista kollha rapportaw progress tajjeb hafna. Qal li r-rakkommandazzjonijiet li ghamel fir-rapport li pprezenta huma mfasslin sabiex l-appellant fl-iqsar zmien possibbli flok jibqa' fl-ambjent tal-habs ikun jista' jimpenja ruhu fi program residenzjali. Fir-rapport tieghu fil-fatt jikkonkludi hekk:

"Fit-tfassil ta' din ir-rakkomandazzjoni, gie kkunsidrat li Diego Borg gie misjub hati ta' reat li ghalih sentenza ta' prigunerija hija wahda tassattiva. Biss, l-informazzjoni migbura f'dan ir-rapport tat indikazzjoni cara li, b'ghajnuna

adekwata, Borg irnexxielu jaghmel progress notevoli. Ghalhekk qed jigi rakkomandat li dan l-isforz kollettiv jigi kkonsolidat anke permezz ta' din l-istess sentenza. Ghaldaqstant sabiex jintlahaq dan il-ghan qed jigi ssuggerit li tinghata:

- piena ta' prigunerija bbazata fuq il-minimu
- riduzzjoni fil-multa li tkun tista' tithallas b'rata mensili, sabiex ikun possibbli ghalih li jhallasha bl-isforzi tieghu stess wara li jiskonta s-sentenza u jsib xoghol."

Issa, jirrizulta li proprju ftit xhur wara li gie investigat fuq dan il-kaz, l-appellant gie investigat mill-gdid u fil-fatt rega' tressaq il-Qorti akkuzat bi traffikar u pussess mhux ghall-uzu esklussiv tieghu tad-droga eroina. B'sentenza tal-Qorti Kriminali tad-19 ta' Jannar 2004, fuq ammissjoni ta' l-appellant, gie kkundannat ghall-piena <u>minima</u> ta' prigunerija ghal perijodu ta' erba' snin u ghall-hlas ta' multa ta' elf lira (Lm1,000), u dan wara li kkunsidrat li "1. l-akkuzat kien ghadu ta' l-eta` zghira ta' ghoxrin (20) sena; 2. li l-ammont komplessiv tad-droga elevata kien wiehed relattivament zghir hafna u cioe` ta' 8.535 grammi; 3. li fil-kondotta tieghu sa dak in-nhar tal-kommissjoni tar-reati kellu biss 'conviction' wahda ta' sewqan ta' car mhux licenzjata fit-triq; 4. l-ammissjoni bikrija tieghu u qabel ma gie kompost il-guri; 5. kif ukoll li hu ghin lill-Pulizija biex jinkixef min issupplieh bid-droga …; 6. li, kif qablu l-prosekuzzjoni u d-difiza ghall-fini ta' piena, ir-reat dedott fit-tieni kap ta' l-att tal-akkuza serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taht l-ewwel kap u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-pieni ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17(h) tal-Kap. 9; 7. li hu kien vittma tad-droga meta kkommetta r-reati minnu ammessi izda wkoll li kkompleta b'success programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga kif anki gie konfermat mix-xhud Ray Grech."

Dak li jidher car hu li meta l-appellant gie nvestigat it-tieni darba kien ghadu mahkum bil-problema tad-droga u l-ewwel "tbezbiza" ma kinitx sufficjenti sabiex jirrejalizza li kellu jaghmel hiltu biex jeghlibha kemm fl-interess tieghu kif ukoll fl-interess tas-socjeta`. Din il-Qorti hasbet fit-tul

fuq il-mod kif ghandha tittratta ma' l-appellant. Certament ma tistax tittratta dan il-kaz b'mod legger izda minhabba c-cirkostanzi attwali, u in partikolari l-vicinanza tat-tieni investigazzjoni ghall-ewwel wahda u l-mod kif il-Qorti Kriminali ttrattat mieghu fic-cirkostanzi minnha elenkati u l-fatt li anke f'dan il-kaz ir-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni ghandu jitqies li serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-pieni ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, minbarra dak kollu rizultanti mix-xhieda li semghet din il-Qorti, eccezzjonalment hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal piena ta' prigunerija ta' tliet snin u minflok tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, u tikkonfermaha fil-kumplament. Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li l-appellant mhux biss jibqa' f'kuntatt mal-*key worker* ta' l-Agenzija SEDQA addett ghal dan ix-xoghol izda, sa fejn possibbli, jippartecipa wkoll f'dak/dawk il-programm/i ta' l-Agenzija SEDQA meqjus/in rilevanti ghall-appellant, inkluz programm residenzjali. Tordna notifika immedjata ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------